# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1888/00 LSO**

**Mary Abela u żewġha Joseph Abela, u b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2019, stante l-mewt ta' Mary Abela, l-atti fil-konfront tagħha ġew trasfużi f'isem l-istess żewġha Joseph Abela; u Anthony u martu Saverina Sammut, u b'digriet tal-25 ta' Ġunju, 2019, l-atti ta' Anthony Sammut ġew trasfużi f'isem uliedu Lino Sammut, Reuben Sammut u Maria Carmen Desira, stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-appell**

**v.**

**Direttur Ta' l-Uffiċċju Konġunt, Consiglia u żewġha Raymond Tabone, Ġeneroso *sive* Jimmy u martu Mary Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell imressaq mill-intimati miżżewġin Sammut flimkien ma' appell inċidentali mressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti iddeċidiet hekk "*fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, tilqa' in parte r-raba' eċċezzjoni tal-intimati u tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti skont dan li ġej: 1.* ***Tilqa'*** *l-ewwel talba attriċi* in parte *u tiddikjara li d-dokument preżentat mill-konvenuti Sammut u Tabone lill-Uffiċċju Konġunt għar-rigward tar-raba' imsemmi esebit a fol. 17 tal-proċess konsisenti f'dikjarazzjoni maħlufa minnhom hu null u bla ebda effett fil-liġi stante li jikkontjeni dikjarazzjoni falza. 2.* ***Tilqa'*** *it-tieni talba attriċi* in parte *u tiddikjara li r-rikorrenti Anthony u Saverina konjuġi Sammut għandhom flimkien mal-intimati Generoso u Mary konjuġi Sammut, id-dritt li jiġu rikonoxxuti bħala l-gabillotti bid-dritt ta' pussess u użu tar-raba' magħrufa bħala Ta' Rokka u Tal-Maqgħad f'Delimara f'Tas-Silġ fil-limiti ta' Marsaxlokk, ad esklużjoni ta' terzi persuni. 3.* ***Tilqa'*** *it-tielet talba attriċi u tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt jeżegwixxi dak kollu neċessarju, inklużi reġistrazzjonijiet u rikonoxximenti, sabiex il-qbiela fuq iż-żewġ biċċiet art imsemmija jkunu jgħajtu lill-atturi Anthony u Mary Saveria Sammut flimkien mal-intimati Generoso u martu Mary Sammut. Stante l-element ta' frodi rilevat f'din is-sentenza, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati Generoso u Mary Sammut, u Consiglia u Raymond Tabone*";

2. Illi biex wieħed jifhem sewwa x'wassal biex l-ewwel Qorti tat dik id-deċiżjoni, qiegħda tinġieb hawn taħt il-parti tas-sentenza appellata bil-kunsiderazzjonijiet tagħha kif ġej:

> "*Din il-kawza tirrigwarda r-rikonoxximent tat-titlu ta' qbiela ta' zewg bicciet art maghrufa bhala tar-Rokka u tal-Maqghad, f'Delimara, tas-Silg, limiti ta' Marsaxlokk u li fl-Ufficcju Kongunt igibu n-numri ta' referenza* ***A-4232/97*** *u* ***A-3749/97.***
>
> *"Permezz ta' din il-kawza, l-atturi, li jallegaw li huma gabillotti u li kienu jahdmu r-raba' mertu tal-kawza, u jhallsu l-qbiela, qed jitolbu li jigu rikonoxxuti mill-Ufficcju Kongunt bhala gabillotti bid-dritt tal-pussess u uzu tar-raba' msemmija. Huma jghidu li l-konvenuti gew rikonoxxuti mill-Ufficcju Kongunt abbazi ta' dokumenti invalidi li ma jissoddisfawx ir-rekwiziti tal-Ligi u qed jimpunjaw dan ir-rikonoxximent billi jitolbu wkoll li dawn id-dokumenti ghandhom jigu dikjarati nulli.*
>
> *"Il-konvenuti Sammut u Tabone qed jikontestaw dawn it-talbiet billi jsostnu li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda titlu, li huma l-eccipjenti li qed ihallsu l-qbiela, u li gew rikonoxxuti regolarment. Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt, da parti tieghu, laqa' ghat-talbiet attrici billi qal li rrikonoxxa lill-konvenuti l-ohra rigward porzjoni raba' tal-kejl ta' ghoxrin tomna cirka abbazi ta' dikjarazzjoni maghmula minn Giuseppa Sammut fejn dawret il-qbiela fuq binha l-konvenut Generoso Sammut, u abbazi ta' dikjarazzjoni tan-Nutar Antoine Agius li permezz taghha huwa kkonferma li Generoso Sammut, Consiglia Sammut u Charles Sammut, illum mejjet, kienu l-unici tfal ta' Carmelo Sammut li kienu jahdmu r-raba' mertu ta' din il-kawza. Madanakollu l-eccipjent Direttur irrimetta ruhu ghall-gudizzju ahhari ta' din il-Qorti.*
>
> ***"Sintesi tal-Fatti u tal-Kronologija***
>
> *"Dawn iz-zewg bicciet raba' gew imqabbla mill-Knisja lil Carmelo Sammut u huh Giuseppi Sammut. Carmelo Sammut jigi missier Anthony Sammut, Mary Abela, Generoso sive Jimmy Sammut u Consiglia Tabone. Giuseppi Sammut ma baqax interessat fir-raba' u l-werrieta tieghu wkoll irrinunzjaw ghal kull interess li kellhom fuq ir-raba' tas-Silg.*[1] *Ir-raba' baqa' jinhadem minn Carmelo Sammut sakemm miet fl-10 ta' April 1982. Il-qbiela relattiva baqghet tithallas fuq isem Carmelo Sammut sas-sena 1992.*
>
> *"Giuseppa Sammut mietet fl-4 ta' Awwissu 1996. Il-wirt tal-konjugi Sammut hu regolat b'testment unica charta in atti tan-Nutar Nikola Said tas-27 ta' Novembru 1974 (****DOK MA10)*** *li permezz tal-istess hallew*

[1] Ara **DOK GD9 u GD10** u **DOK GD20.**

*reciprokament l-uzu u l-uzufrutt in generali tal-gid kollha taghhom u istitwew lil uliedhom b'eredi universali proprjetarji assoluti tal-gid kollha taghhom lit-tmien uliedhom cioe`: Maria Abela, Antonio, Giuseppe, Salvatore, Rita, Consiglia, Charlie sive Carmelo, u Jimmy sive Generoso ahwa Sammut fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom f'kaz ta' premorjenza, u bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom.*

*"Carmelo sive Charlie Sammut miet fid-19 ta' Ottubru 1996 u l-wirt tieghu hu regolat b'zewg testmenti fejn halla b'eredi tieghu lil hutu Rita Attard, Consiglia Tabone, Antonio Sammut, Giuseppe Sammut, Salvatore Sammut u Generoso sive Jimmy Sammut. Hu pacifiku bejn il-partijiet li Charlie Sammut ma kienx jahdem ir-raba'.*

*"Fid-29 ta' Lulju 1996 l-Ufficcju Kongunt informa lil Giuseppa Sammut b'ittra (**DOK GD3**) li l-Ufficcju hu lest li jdawwar il-qbiela fuqha u fuq Generoso, Charles u Consiglia Tabono riferibbilment ghall-ghalqa denominata tas-Silg jew ta' Delimara.*

*"Sussegwentement b'ittra ohra tal-11 ta' Dicembru 1996 (**DOK GD7**) l-Ufficcju Kongunt informa lil Giuseppa Sammut li kien lest li jdawwar <u>in-nofs</u> (1/2) indiviz tal-qbiela tal-art ta' Rokka Porz VI u VII favur taghha kif ukoll fuq uliedha Generoso, Charles u Consiglia Tabone. Wara r-rinunzja ta' l-armla u l-eredi ta' Giuseppe Sammut favur l-eredi ta' Carmelo Sammut, l-Ufficcju Kongunt irrikonoxxa lill-intimati u lil Giuseppa Sammut anke fir-rigward tan-nofs (1/2) l-iehor minn dan ir-raba'. Difatti wara li miet Charlie Sammut l-Ufficcju Kongunt informa lin-Nutar Vanessa Pool li l-qbiela ta' Rokka kienet ser iddur fuq Generoso Sammut u Consiglia Tabone. (**DOK GD13**) u hekk harget l-ircevuta datata 7 ta Mejju 1997 (fol 140) ghall-perjodu 15 ta' Awwissu 1992 sal-14 ta' Awwissu 1996.*

*"Jirrizulta mix-xhieda ta' Raymond Tabone li hu u martu cedew kull interess li kellhom fir-raba' favur Generoso Sammut.*

*"Din il-kawza hija pernjata fuq zewg binarji. L-ewwel nett l-atturi qed jimpunjaw il-validita` tad-dokumenti sottomessi mill-intimati ahwa Sammut fl-applikazzjoni li ghamlu lill-Ufficcju Kongunt. Fit-tieni lok qed jghidu li huma ghandhom ikunu rikonoxxuti fit-titlu ta' qbiela tal-artijiet in kwistjoni.*

*"**<u>Provi Prodotti</u>***

*"Ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti jimmiraw lejn il-prova li kien Anthony Sammut u Joe Abela li kienu jahdmu l-art in kwistjoni. Skont **Anthony Sammut**[2] ommu ma kinetx tahdem l-art - kien jahdimha missieru. Huwa l-kbir fost is-sebat ahwa rimanenti. Ohtu Marija kienet tahdem l-ghalqa*

[2] Xhieda a fol.32 *et.seq.*tal-process.

*qabel ma zzewget. Huh Guzeppi ma kienx jahdem ir-raba' filwaqt li huh l-iehor Salvatore kien ilu imsiefer l-Ingilterra ghal dawn l-ahhar 33 sena.*

*"Il-konvenut Jimmy Sammut kien hadem l-ghalqa sakemm kellu xi 17-il sena mbaghad ghamel xi snin imsiefer barra. Wara li miet missierhom fl-10 ta' April 1982, il-konvenut ma resaqx lejn ir-raba' izda fil-perjodu bejn din id-data u meta mietet ommhom f'Awwissu 1996, fuq talba ta' Jimmy stess, kien tah permess biex jibni kamra fl-ghalqa ta' Rokka. Izda qatt ma hadem ir-raba'.*

*"Rigward hutu l-ohra, ohtu Rita kellha hanut u ma kellhiex cans tersaq lejn ir-raba' filwaqt li Consiglia Tabone kienet tahdem go fabbrika u toqghod bis-sahra. Raymond Tabone, zewgha qatt ma hadem raba' u l-istess ghall-mart Jimmy Sammut. Huh l-iehor Charlie, li miet ta' 41 sena, ukoll ma kienx jahdem ir-raba' u ma kienx wera interess fiha.*

*"Skont ix-xhud missieru kien ihallas l-ispejjez tar-raba' u baqa' jahdimha sa l-ahhar. Kien ihallas il-qbiela hu u wara mewtu kien l-attur li kien jiehu hsieb ir-raba' u jhallas il-qbiela.*

> *"Xi snin qabel ma miet missieri kont mort mieghu fuq ic-censiment tar-raba' u kien qalilhom biex inizzlu r-raba' fuqi. Fil-fatt huma kienu nizzlu r-raba' fuqi. Minn hemm il-quddiem bdew jibaghtu l-avvizi lili."[3]. Ir-raba' mhux imsemmi fit-testment tal-genituri tieghu u qal li hadd minn hutu ma ghamel pretensjoni fuq ir-raba'.*

*"Meta kompla jixhed[4] qal li peress li r-raba' kien kbir, kienu jqabbdu wiehed maghruf bhala "iz-Zetti" biex jghinhom. Qal li kien jahdem fil-bejgh tal-pitrolju sal-1988 u mbaghad beda jlahhaq izjed mar-raba'. Kien ha dan ix-xoghol fir-raba' wara li missieru marad fl-1975 u hadd minn hutu ma kien dahal biex jahdem ir-raba'. Wara li miet missieru kien qal lil ommu li kien ser jkompli jiehu hsieb ir-raba' hu.*

*"Ir-ragel ta' ohtu, Joseph Abela, beda jizra' d-dwieli f'ghalqa minnhom wara l-mewt ta' missierhom u dan bil-permess ta' ommhom. Hawwel hames mija u sebghin dielja.*

*"Wara l-mewt ta' missieru, ghamel erba' bibien u xatba gdida tal-hadid u hu u Joseph Abela rrangaw il-hitan. Kull min ried jigi minn hutu l-bieb kien miftuh u setghu jigu.*

*"Hu qal li ghall-habta tal-1990 mar il-Joint Office biex idawru r-raba' u nfurmawhom li dak iz-zmien kien hemm kwistjoni bejn il-Gvern u l-Knisja dwar il-proprjeta` tal-Knisja u ghalhekk ma setghu jaghmlu xejn.*

*"Wara l-mewt ta' ommu fis-sena 1996 regghu marru l-Joint Office u applika biex idawwar ir-raba' fuq ismu (Applikazz. A4212/97 u*

[3] Ara **DOK AS1 fol. 29-31**
[4] Xhieda a fol.45 *et.seq.*

*A3749/97 tat-28/9/1999).*[5] *B'risposta datata l-5 ta' Ottubru 1999 (**DOK AS6**) l-Ufficcju Kongunt talbu biex johdilhom xi dokumenti. Wara komplew jitkellmu ma' Giovanni Demartino. Dan gharrafhom li d-dokumenti intilfu. L-attur qal li kien imur kull hmistax jistaqsi ghal file u darba minnhom is-Sur Demartino qalilhom li l-file kien ghand Tarcisio Mifsud izda dan cahad li kellu l-file. Wara korrispondenza ohra gew infurmati li r-raba' ma setghetx iddur fuqu ghaliex ommu kienet ittrasferiet il-qbiela fuq Generoso Sammut (**DOK AS8** a fol. 46 datat is-26 ta' Frar 2000). **Anthony Sammut** qal li tliet gimghat qabel ma mietet ommu qaltlu li riedet iddawwar ir-raba' fuqu. Dak iz-zmien kienet rikoverata fl-Isptar Zammit Klapp. Minn dak iz-zmien "baqghet sejra lura u ma kenitx taf x'kienet qed taghmel."*

*"In **kontro-ezami**[6] qal li hu u l-atturi l-ohra skoprew li gew mqarrqin ghaliex ommu kienet taf taqra u tikteb u ghamlet karta li ddawret ir-raba' fuq Generoso Sammut fejn tghid li kien jahdmu hu. Ommu kienet taf tiffirma u raw salib mhux il-firma taghha." Din il-karta qed nikkontestaha...Nirreferi ghad-dokument a fol. 15 bhala kopja tad-dokument li qed nghid li ma nistax naccetta l-validita' tieghu." Ukoll Jimmy Sammut qatt ma hadem ir-raba'.*

*"Xehed **Joseph Abela**[7] u qal li jiehu hsieb l-art tad-dwieli li huwa t-tielet ghalqa mit-triq mizrugha (**DOK JA**). Anthony Sammut jiehu hsieb il-habel immarkata bin-numru 4 fuq l-istess ritratt. Zera' d-dwieli fil-1984 bil-permess ta' Anthony Sammut u ta' omm il-mara. Il-kunjata qaltlu li r-raba' kienet hallietha f'idejn Anthony Sammut. F' bicca art ohra f'tar-Rokka hemm mizrugh patata u basal bi shab bejnu u Anthony Sammut. Hut martu ma ressqux biex jadmu r-raba' sa mis-sena 1982. Hu u Anthony Sammut kienu jqabbdu wiehed kull sena biex jahrat r-raba' bit-trattur - certu Zetti u warajh certu Stefan Carabott.*

*"Ghalkemm kienet timxi b'walking aids setghet tuza idejha u kienet taf tikteb. F'dawn l-ahhar ghoxrin sena hut il-mara qatt ma wrew interess fir-raba' u jekk kienu jinzlu kienu jaghmlu nofs siegha u jitilqu.*

*"Xehdet **Mary Abela**[8] li kkonfermat ix-xhieda ta' huha u zewgha, l-atturi u inoltre qalet ukoll li ommha kienet taf tikteb u tiftakarha tikteb notamenti anke ghax-xiri. Esebiet zewg kuntratti (**DOK MA** a fol. 56 u **DOK MA1** a fol 60 et seq**)** fejn gharrfet il-firma ta' ommha fuq l-stess. Ma batitx b'idejha fl-ahhar ta' hajjitha imma kienet bil-wheelchair. Ommha kienet qed tghix ma' ohtha meta mietet.*

*"Gew esebiti diversi affidavits*[9] *u cioe` ta' **Emmanuel Pace, Joseph Stellini, Stefan Carabott u Peter Paul Vella** li lkoll ikkonfermaw li fit-tmien snin ta' qabel u anke fi tfulithom kienu jafu li r-raba' kien jinhadem*

---

[5] *Acknowledgment* esebiti bhala AS5 f'zewg faccati,
[6] Fol.185 *et.seq.*
[7] Xhieda a fol;. 67 *et.seq.* tal-process.
[8] Fol. 72 *et.seq.*
[9] Nota a fol. 78 *et seq.*

*minn Anthony Sammut. Carabott kien jahdem l-ghelieqi flok iz-Zetti minn xi tmien snin qabel u dan fuq inkarigu ta' Anthony Sammut.*

*"Xehed* ***Raymond Tabone***[10] *u qal li meta hu u martu marru biex jidhlu fir-raba' sabu min zammhom milli jidhlu. Diment li kienet hajja omm il-mara, kienet tahdmu hi r-raba' sa fejn setghet u tqabbad lil Anthony Sammut biex iqabbad in-nies halli jahdmu r-raba'.*

*"Ta' dan kienet taghtih il-flus biex ihallas in-nies u jekk kien jibqa' xi haga zejda kienet taghtihomlu wkoll. Cahad li Anthony Sammut kien jahdem ir-raba' u qal li kien jidhol biss ghal kacca.*

*"Wara li miet missier il-mara ma dahlux izjed fir-raba' ghaliex Ninu Sammut u huhom Charlie kienu jkunu hemm. Ix-xhud qal li ma kinux imorru ghaliex kienu jkunu bis-snieter. Meta snin wara marru biex jidhlu sabu l-qfil bil-katnazz. Joseph Abela wkoll kien ikun fir-raba' sa minn xi ghaxar snin qabel. Generoso Sammut kien jidhol fir-raba' diment li missierhom kien haj u semma' li kien ikun hemm bar-b-que.*

*"In* ***Kontro-Ezami*** *qal li Generoso Sammut gharrfu li ha parir legali biex ma jidholx fir-raba' minhabba l-inkwiet bejn l-ahwa u dan kien ghal habta tal-episodju meta sabu l-katnazz. Anke qabel ma tqieghed il-katnazz fuq ix-xatba ghalkemm kieku riedu setghu jmorru hemm "kienet biss il-biza li jigu u jsibuna hemm" li zammhom milli jidhlu. Dan kien xi sena u nofs qabel.*

*"Giet esebita x-xhieda moghtija minn* ***Rita Attard***[11] *nee` Sammut fil-kawza ohra pendenti numru 877/JRM fl-ismijiet Generoso Sammut v Anthony Sammut et. Missierha kien ibiegh il-pitrolju u fiz-zmien huh Giuseppi kien jahdem l-ghalqa mieghu imma l-qbiela kien ihallasha missierha. L-ahwa li baqghu Malta kienu jghinu lil missierhom. Guseppi miet fis-sena 1976 u f'dik is-sena marad missierha. Dawk minn hutha li kienu jghixu barra minn Malta kienu jinzlu f'Awwissu u jahdmu l-ghalqa. Mary Abela ghamlet zmien f'inkwiet ma' missierha u ma kenitx tersaq lejn ir-raba'.*

*"Meta gie nieqes missierha kienet marret ma' huha Charlie ghand is-sorijiet tal-klawsura f'Borma biex iddawru l-qbiela peress li kienet tithallas lis-sorijiet. Dak iz-zmien saqsewhom jekk kienx hemm tfal jghixu ma' ommhom u gharrfuhom li kien hemm tlieta cioe' Jimmy, Charlie u Consiglia. Il-persuna li kellmu qaltilhom biex ihallu kollox kif inhu u hekk ghamlu.*

*"L-arrangamenti li kien hemm wara l-mewt ta' missierha sakemm ommha baqghet hajja kien li Ninu u Charlie jahdmu r-raba' jew ahjar iqabbdu n-nies biex jghinuhom jahdmuha, fosthom certu wiehed ta' Zetti u iehor Ta' Ferriggi.*

---

[10] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tat-8 ta' Frar 2002 a fol. 83 *et.seq.* tal-process.

[11]Esebit  a fol. 91

*“F'okkazjoni minnhom ommha qaltilha li kien baqaghlha xi qligh mill-ucuh u kienet ser thallas lil Ninu parti minhom ghaliex kienet taf li "kien jahdem l-izjed wiehed minn fost huti dan ir-raba' infisser li hija Ninu kien kemm jahdem ir-raba' hu kemm iqabbad lil haddiehor biex jghinu. Naf li kellu partijiet minnu li kien mizruh ucuh jew inkella sigar tieghu u naf ukoll li xi drabi kien anke gabilna xi parti minn dan l-ucuh."*

*“Hi zzewget u ma kinetx tghin fix-xoghol tar-raba’. L-ahwa kollha setghu jaccedu ghar-raba'. Kien hemm zewgt ikmamar li kellha c-cavetta ghal kamra minnhom.*

*“Wara l-mewt ta' missierhom beda jsir diskors rigward min ser jiehu l-art bi qbiela, l-aktar bejn Ninu u Jimmy pero` ommha dejjem sahhqet li r-raba' hu ta' kulhadd.*

> *"Naf li xi zmien wara gie n-Nutar Agius ghandna u kien ghamel ftehim u nghid li dan il-ftehim gie ffirmat minn kull min kien prezenti..jiena, Jimmy, Karmenu... u Consiglia Tabone." Ghalkemm Mary Abela u Ninu ma kinux firmatarji, fuq il-pjanta mehmuza kien hemm rizervati porzjonijiet ghalihom wkoll. Ommna tat kopja lil kull wiehed u wahda minnhom tac-cwievet tal-fondi li jinsabu fir-raba' wara dan il-ftehim. Ommha giet toqghod maghha meta Charlie ma setax izjed jiehu hsiebha. Kellha c-cwievet tad-dar ta' Charlie u wara li miet sabet f'kexxun il-kotba tal-qbiela.”*

*“Wara l-mewt ta’ ommhom, in-Nutar Vanessa Pool, qaltilhom li ghalkemm ommhom halliet lil kulhadd indaqs, wara l-mewt ta' missierhom il-qbiela kienet ghaddiet fuq dawk mill-ahwa li kienu jghixu mal-genituri meta miet – cioe` Charlie, li miet, Generoso u Consiglia. Consiglia qaltilha biex tghaddi l-kotba tal-qbiela lil Jimmy.*

*“B'kollox missierha kellu xi tmien hbula raba'.*

*“Xehdet **in konto-ezami**[12] li l-kamra murija fir-ritratt a fol 62 inbniet minn Ninu u Joe Abela wara li miet missierhom. Qalet li Ganni z-Zetti u Ferriggi kienu jitqabbdu wkoll minn missierhom meta kien ghadu haj.*

*“Jimmy kien qalilha li ma jersaqx lejn ir-raba' wara li giet nieqsa ommhom u dan qalu bit-tama li l-affarijiet jitrangaw bil-kwiet.*

*“Wara li qaltilha n-Nutar Pool li l-ftehim ma kien jiswa xejn qattaghtu. Ommha ghamlet xi tliet gimghat maghha qabel ma’ mietet.*

*"Fl-ahhar zmien qabel gie nieqes missieri kien hija Ninu li ghen lil missieri fir-raba’...Lil hija ma nafx li kien ihallsu."*

[12] Fol. 96 *et.seq.*

*“Giet esebita x-xhieda tal-**Avukat Dottor Tonio Mallia** llum l-Onor. Imhallef Tonio Mallia moghtija fil-kawza 877/2000*[13] *bhala konsulent tal-Ufficcju Kongunt u qal li normalment jibbazaw il-parir fuq il-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta entro l-parametri ta' min hu l-eredi u min kien jghix mad-decujus jew jahdem l-art mieghu fl-ahhar zmien ta' hajtu.*

*“Riprodott biex jixhed*[14] *ghamel riferenza ghal minuta nru 40 fil-file tal-Ufficcju kongunt iffirmata minnu fit-22 ta’ April 1997 fejn ta parir bhala konsulent legali tal-istess Ufficcju. Ra d-dokumenti fil-file u mexa maghhom.*

*“Qal li wara li nqalghet din il-kwistjoni ntalab jassisti lill-avukati ta' Generoso Sammut li sussegwentement sar klijent tieghu (ittra 12/4/2000)*

*“**Giovanni DeMartino,** mill-Ufficcju Kongunt, xehed*[15] *li mill-formoli tal-proprjeta` li gew mghoddija lill-Ufficcju mill-Kurja jirrizulta li l-inkwilini tal-proprjeta` in kwistjoni f'Ta' Rokka huma Guzeppi u Karmenu Sammut filwaqt li Karmenu Sammut kien imnizzel bhala l-pagatur fuq il-proprjeta` f'Delimara (**Dok. GD**).*

*“Fl-20 ta' Gunju 1996 gietipprezentata lill-Ufficcju dikjarazzjoni tan-Nutar Antoine Agius fejn in-Nutar iddikjara li fl-10 ta' April 1982, meta miet Carmelo Sammut kienu joqghodu mieghu Generoso Sammut, Charles Sammut u Consiglia Sammut mizzewga Tabone u Giuseppa Sammut (**DOK GD2**).*

> ***"***Fid-29 ta' Lulju tal-1996 l-ufficcju kongunt irrikonoxxa fuq il-qbiela ta' l-art 'tas-silg' jew 'ta Delimara' li din tigi fuq Generoso Sammut, Charles, u Consiglia Tabone." (**DOK GD3**). Inharget ricevuta f'isem dawn l-ahwa (**DOK GD4** datata t-8 ta' Awwissu 1996).*

*“Sussegwentement fit-22 ta' Awwissu 1996 kitbilhom rapprezentant mill-Kurja li nformahom li ghalkemm l-ircevuti dejjem igibu l-isem ta' Carmelo Sammut, qatt ma sar ftehim bil-miktub biex ir-raba' jinqaleb mill-ahwa Guzeppi u Carmelo Sammut ghal fuqu.*[16]

*“Rigward l-art ta' Rocca, l-Ufficcju informa lil Generoso Sammut li l-art hu mqabbel f'isem Guseppi u Carmelo Sammut u jekk iridu jaqilbu n-nofs l-iehor fuqhom jghidulna. Imbaghad kitbu lil Giuseppa Sammut (11 ta' Dicembru 1996) fejn gharfuha li kienu lesti li jdawru l-qbiela ta' nofs indiviz mill-art ta' Rocca fuq uliedha Generoso, Charles u Consiglia izda n-nofs indiviz l-iehor jibqa' fuq Guzeppi Sammut. (**DOK GD7**). Izda*

[13] Xhieda quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2000 a fol. 106 *et.seq.* tal-process.
[14] Fol.246 *et seq.*
[15] Xhieda a fol. 150 *et.seq.*
[16] **DOK GD5.**

*wara, ulied Guzeppi irrinunzjaw favur l-eredi ta' Carmelo Sammut kull dritt li seta' kellhom fuq l-qbiela tal-ghalqa Ta' Rokka.*

*"Hu xehed ukoll li giet ipprezentata dikjarazzjoni guramentata minn Generoso sive Jimmy Sammut u martu, Consiglia mart Raymond Tabone u zewgha li huma biss kienu jahdmu r-raba' Ta' Rokka u Tas-Silg wara l-mewt ta' Carmelo Sammut u qabel il-mewt ta' martu Giuseppa.* ***(DOK GD12****). Sussegwentement l-Ufficcju Kongunt informa lin-Nutar Pool li kien qed idawwar il-qbiela tal- porzjoni 6 u 7 fuq il-klijenti taghha u fis-7 ta' Marzu 1997 hargu ricevuta* ***(DOK GD14 u GD15).***

*"In* ***kontro-ezami*** *qal li d-dikjarazzjoni* ***DOK GD12*** *a fol 138 hu ffirmat mill-konvenuti u huma jitolbu din id-dikjarazzjoni minn Nutar, Avukat jew tabib. Sa fejn kien jaf ma tawhiex importanza.*

*"Il-kriterji li l-Ufficcju jimxu fuqhom sabiex il-qbiela jinqaleb huma dawk stabbiliti mil-ligi – cioe`, dikjarazzjoni ta' min jahdem ir-raba', min hu l-eredi tad-decujus, min kien verament jghix mieghu meta miet u min kien jahdem ir-raba'.*

*"Kienu inghataw parir legali fir-rigward tad-dikjarazzjoni* ***DOK MA12*** *tan-Nutar Agius (fol 118) flimkien mad-dokumenti ohra li jirrikonoxxu lil Consiglia Tabone u Generoso Sammut. Carmelo Sammut kien mejjet.*

*"****Dok GD2*** *li hija dikjarazzjoni saret fl-20 ta' Gunju 1996 filwaqt li l-parir tal-Avukat inghata fit-22 ta' April 1997.*

*"Madanakollu meta rega' xehed[17] qal li l-ittra tat-30 ta' Lulju 1996 harget wara li ntalab parir legali u din l-ittra taghmel riferenza ghad-dokument iffirmat min-Nutar Agius. In-Nutar Pool kitbet fit-28 ta' Jannar 1997. L-Avukat Mallia ta l-parir tieghu lill-Joint Office fl-24 ta' Lulju 1996.*

*"Hu innega li gie f'idejh xi dokument b'xi firem foloz.*

*"Rega' gie prodott* ***in kontro-ezami[18]*** *ikkjarifika li l-ircevuta tas-7 ta' Mejju 1997 harget rigward il-qbiela tal-porzjon 6 u 7 ghal perjodu 1992-1996. Fid-19 ta' Awwissu 1997 hargu ricevuta fuq l-ghalqa tas-Silg jew Delimara ghal sena f'isem Charles, Giuseppa, u Generoso Sammut u Consiglia Tabone.*

*"Riferibbilment ghall-qbiela tas-Silg fid-29 ta' Lulju 1996 sar it-trasferiment tal-qbiela fuq Giuseppa, Generoso, Charles Sammut u Consiglia Tabone u f'Awwissu harget ricevuta f'isimhom. F'Awwissu 1999 Generoso Sammut talab li l-isem ta' Charles u Giuseppa jinqatghu minn fuq l-ircevuta u sa fejn kien jaf din ma gietx ipprocessata. Bhala rikonoxximent dan sar. Lanqas ma gie ipprocessat it-trasferiment tal-qbiela minn Giuseppa Sammut fuq Generoso Sammut fir-rigward taz-zewg porzjonijiet art.*

[17] Fol 181
[18] Fol.210

*"Xehed* ***in-Nutar Antoine Agius***[19] *b'riferenza ghad-dokument a fol. 15 (****DOK JDP1****) u kkonferma li d-dokument hu tieghu u maghmul minn Giuseppa Sammut fir-residenza taghha z-Zejtun.*

*"Qal li Giuseppa Sammut ma kinetx taf tiffima u kellu bzonn zewg xhieda. Ix-xhieda iffirmaw quddiemu.*

*"In* ***kontro-ezami*** *qal li qatt ma kien ra lil Giuseppa Sammut qabel dik il-gurnata. Qaltlu hi li ma tiffirmax. Kien Generoso Sammut li talbu jmur ghand ommu. Ma kien jaf lil hadd mit-tfal personalmtent izda kienu gew ghandu biex jaghmlu affidavit. Riferibbiment ghad-dikjarazzjoni a fol 16 u 17 qal li ibbazah fuq l-informazzjoni li tawh Generoso Sammut u Consiglia Tabone.*

*"Ma setax jiftakar jekk Giuseppa Sammut tatu raguni ghaliex ma setghetx tiffirma.*

*"Xehed* ***Generoso Sammut***[20] *u esebixxa rcevuti tal-qbiela ghall-porzjoni art Ta' Rokka, Delimara f'ismu u f'isem Consiglia Tabone, u tal-art Tas-Silg f'ismu u f'isem Consiglia Tabone, Charles Sammut u Giuseppa Sammut. Dawn igibu diversi dati sussegwenti ghar-rikonoxximent mill-Joint Office.*

*"Xehdet* ***in-Nutar Vanessa Pool***[21] *u qalet li Generoso Sammut kien talabha taghmel dikjarazzjoni dwar min jahdem l-ghalqa u hi wegbitu li ma setghetx taghmilha u qaltlu biex isib xi hadd li kien jaf il-familja.*

***"APPREZZAMENT TAL-PROVI***

***"NULLITA` TAD-DOKUMENTI IPPREZENTATI LILL- JOINT OFFICE***

*"Fix-xhieda li ta r-rikorrent* ***Anthony Sammut***[22] *jghid hekk "Jien nghid li ommi kienet taf tiffirma u ahna rajna salib u mhux il-firma taghha. Din il-karta qed nikkontesta l-validita' taghha. Barra hekk ahna r-raba' ilna nahdmuh mill-1983, minn meta miet missieri. Jiena ma kontx prezenti meta sar is-salib fuq il-karta. Ma nafx jekk hdejn is-salib hemm xi certifikat ta' haddiehor li raha tiffirma...Id-dikjarazzjoni li ghamel in-Nutar ma nemminhiex....Jimmy Sammut qatt ma hadem ir-raba'."*

*"L-ilment principali tar-rikorrenti jikkoncerna zewg dokumenti u cioe`:-*

*"i. Dikjarazzjoni ffirmata minn Giuseppa Sammut datata t-2 ta' Mejju 1996 fejn tghid li "ma nsib ebda oggezzjoni sabiex ir-raba' tas-Silg u tal-Maqghad limiti ta' Marsaxlokk..iddur il-qbiela taghha fuq ibni Generoso Sammut." (fol.15)*

[19] Xhieda a fol. 199 *et.seq.*
[20] Xhieda a fol.250 *et.seq.*
[21] Xhieda a fol. 270 *et.seq.*
[22] Xhieda moghtija fis-seduta tal-20 ta' April 2004 a fol 185 *et.seq.*

*"ii. Dikjarazzjoni ohra datata l-11 ta' Frar 1997 tan-Nutar Agius li tghid li Generoso, Consiglia u Carmelo "kienu l-unici tfal (ta' Carmelo Sammut) illi kienu jahdmu r-raba' ta' Rokka limiti ta' Marsaxlokk denominata porzjoni vi u vii." (fol.16)*

*"Jirrizulta esebit ukoll dikjarazzjoni mahlufa minn Generoso Sammut u martu u minn Raymond Tabone u martu (fol.17) datata s-16 ta' April 1997 quddiem ufficjal tal-Ufficcju Kongunt, miktuba bl-istess id bhaz-zewg dokumenti precedenti, fejn dawn halfu li "ahna biss nahdmu r-raba' ta' Rokka..wara l-mewt ta' Carmelo Sammut u minn qabel il- mewt ta' martu Giuseppa Sammut."*

*"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-rikorrent qed jallega li dawn id-dokumenti jikkontjenu firem jew dikjarazzjonijiet foloz kif ukoll li d-decizjoni tal-Ufficcju Kongunt, mehuda abbazi ta' dawn id-dokumenti, hija per forza nulla.*

*"Hu pacifiku li allegazzjoni serja ta' qerq u ghemil frawdolenti trid tigi ippruvata b'mod car u inekwivoku, u din il-prova tinkombi fuq min qed jallega dan l-ghemil doluz. Inoltre l-Qorti tifhem li l-ghemil qarrieqi wassal ghad-decizjoni zbaljata da parti tal-Ufficcju Kongunt - jrid jirrizulta ness ta' kawzalita' bejn l-att qarrieqi u d-decizjoni tal-Ufficcju Kongunt jew li kien hemm kompartecipazzjoni doluza mill-ufficjali tal-istess Ufficcju f'process qarrieqi li irreka pregudizzju lir-rikorrenti.*

*"Fid-dawl tal-provi prodotti, <u>fir-rigward tad-dikjarazzjoni a fol. 15</u> din il-Qorti mhix konvinta li l-atturi irnexxielhom jissoddisfaw il-grad ta' prova rikjesta bil-Ligi - grad li mhix facilment milhuqa. Fil-fehma tal-Qorti jezistu sfumaturi f'dan il-kaz li jqajmu fumus jew suspett ta' illegalita' almenu da parti tal-intimat Jimmy Sammut, izda mhux dik il-prova cara u univoka rikjesta bil-Ligi. Fil-kaz tal-ufficjal Demartino, ir-rikorrenti ma gabu l-ebda prova li tixhet xi dell fuq l-ghemil tieghu.*

*"Bhala l-ewwel punt, ir-rikorrenti qajmu prima facie dubju ragjonevoli dwar il-firma tal-omm, Giuseppa Sammut, muri bhala salib fuq id-dikjarazzjoni a fol. 15. Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija konvinta li din il-mara kienet taf tiffirma isimha u, difatti gew esebiti zewg kuntratti pubblici fejn iffirmat isimha bis-shih u mhux b'salib. Min-naha l-ohra, izda, ma jirrizultax ippruvat li kienet priv mill-intellett u mill-volonta' mehtiega biex taghti kunsens validu fuq dik l-iskrittura, u lanqas gie ppruvat li s-salib ma giex miktub minnha. Anzi jirrizulta mill-provi li omm il-partijiet ahwa Sammut kellha l-pussess shih tal-fakoltajiet mentali taghha sakemm mietet u certament fiz-zmien meta ffirmat din l-iskrittura.*

*"Il-konvenuti ipproducew zewg affidavits tax-xhieda*[23] *li ffirmaw din l-iskrittura li kkonfermaw li n-Nutar kien spjega lil Giuseppa Sammut li*

[23] Esebiti a fol 195-198 tal-process.

*permezz taghha kienet qed iccedi d-dritt tal-qbiela. Fuq din l-iskrittura nsibu wkoll ic-cerzjorazzjoni tal-istess Nutar li Giuseppa Sammut ghamlet il-marka taghha quddiemu. Dawn ix-xhieda ma gewx prodotti in kontro-ezami u lanqas ma jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Agius li ma mexiex skont il-Ligi.*

*"Il-Qorti trid bil-fors tikkummenta fuq fatt perturbanti li emerga mill-provi prodotti f'din il-kawza, senjatament is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li kopja taghha hi esebita bhala* ***DOK AA1*** *fil-kawza "Joseph Abela et -v- Generoso sive Jimmy Sammut et"[24]. F'dik il-kawza, il-konjugi Abela impunjaw bhala falz testment sigriet allegatament redatt minn zija taghhom. L-inkjesta magisterjali sabet li firma fuq it-testment sigriet kienet falza. Il-Qorti ta' l-Appell ikkondividiet il-fehma tal-Qorti ta' l-ewwel istanza li Jimmy Sammut ma kien xejn kredibbli u li kien kixef li kien jaf b'dan it-testment sigriet (li rrizulta li kien falz). Dan it-testment gie ppubblikat min-Nutar Antoine Agius fl-14 ta' Mejju 1997 u l-Qorti ddecidiet li dan it-testment mhuwiex genwin u ghandu jigi mhassar. Giet esebita Tahrika tal-Pulizija kontra Jimmy Sammut u n-Nutar Agius (****DOK AA2****) fejn huma akkuzati b'falsifikazzjoni, izda xejn dwar l-ezitu ta' dawn il-proceduri.*

*"It-thassib tal-Qorti temani mill-fatt li anke f'dik il-kawza jirrizulta fumus ta' qerq u tirrigwarda l-istess zewg persuni involuti fir-redazzjoni tad-dikjarazzjoni a fol. 15. Izda dan qed tissenjalah biss ghaliex dak li jirrizulta mill-provi <u>f'din il- kawza</u> mhumiex bizzejjed li jwasslu ghall-sejba ta' qerq jew ghemil doluz kommess mill-intimat.*

*"Dak dikjarat mill-intimati bil-gurament taghhom fuq id-dokument a fol. 17, ghall-kuntrarju, mhu xejn veritier, anzi hu kontradett mill-provi prodotti f'din il-kawza. Certament minn imkien ma jirrizulta li l-artijiet in kwistjoni kienu jinhadmu <u>biss</u> mid-dikjaranti!*

*"Skont Anthony Sammut kien ha dan ix-xoghol fir-raba' wara li missieru marad fis-1975 u hadd minn hutu ma kien dahal biex jahdem ir-raba'. Wara li miet missieru kien qal lil ommu li kien ser jkompli jahdem fir-raba' ghalkemm kien iqabbad lin-nies biex jghinuh ukoll li kienu l-istess persuni li kien iqabbad missieru. Dan hu korroborat minn oht il-kontendenti* ***Rita Attard,*** *persuna disinteressata li xehdet li wara l-mewt ta' missierha sakemm ommha baqghet hajja Ninu u Charlie kienu jahdmu r-raba' jew ahjar jqabbdu n-nies biex jghinuhom jahdmuha, fosthom certu wiehed ta' Zetti u iehor Ta' Ferriggi. Ommha stess kienet qaltilha li Ninu kien jahdem l-izjed u xehdet li l-attur kellu ucuh jew inkella sigar tieghu wkoll u kien igib parti minn dan l-ucuh xi drabi lilha u lil ommhom. In kontro-ezami kkonfermat li "Fl-ahhar zmien qabel gie nieqes missieri kien hija Ninu li ghen lil missieri fir-raba'."*

*"Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija konvinta li d-dikjarazzjoni mahlufa mill-intimati Generoso u martu Mary Sammut, u Consiglia u zewgha*

[24] citazz 1144/97 App.Civ. - dec. fid-29 ta' April 2005.

*Raymond Tabone hija falza in kwantu li ma setghux jahilfu fedelment u onestament li kienu l-unici ahwa li kienu jahdmu r-raba' "Ta' Rokka" u li ppruvaw iqarrqu bl-Ufficcju Kongunt sabiex jottjenu it-trasferiment tal-qbiela fuq isimhom.*

*"Ikkonsidrat li mill-ewwel eccezzjoni tal-Ufficcju Kongunt, jirrizulta li d-Direttur jghid li bbaza d-decizjoni tieghu fuq id-dikjarazzjoni ta' Giuseppa Sammut (fol.15) u d-dikjarazzjoni tan-Nutar Agius a fol. 16. Din ta' l-ahhar hija biss dikjarazzjoni maghmula min-Nutar fuq informazzjoni moghtija mill-partijiet interessati biss. Jirrizulta wkoll li d-dikjarazzjoni a fol. 17 kienet fil-process u tabilfors giet ikkonsidrata mill-konsulent legali tal-Ufficcju Kongunt. Ghalhekk ma tistax tilqa' din l-ewwel eccezzjoni kif hekk maghmula.*

***"Xhieda ta' Giovanni Demartino***

*"Qabel xejn trid tafferma li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi ghemil leziv, qarrieqi jew illegali minn dan l-ufficjal minkejja l-allegazzjonijiet li saru li kien sahansitra tilef il-file u zvija lir-rikorrent Anthony Sammut meta jien imur jistaqsi dwar l-ezitu tal-applikazzjoni tieghu. Dwar dan tinnota li ma giex prodott l-Avukat Grima u lanqas Tarcisio Mifsud, li dan ta' l-ahhar kien il-persuna li suppost ircieva l-file tar-rikorrenti, almenu biex jikkonfermaw li kien jafu li din l-allegazzjoni kienet qed issir u jekk ittiehdux passi fuqha*

*"Mix-xhieda jirrizulta li d-dokumenti li ntalbu mill-intimati kienu dawk li jintalbu minn kull applikant u difatti anke r-rikorrent intalab li jipproduci l-istess dokumenti. Jirrizulta wkoll li d-decizjoni tal-Ufficcju Kongunt li jirrikonoxxu lill-intimati fil-qbiela taz-zewg bcejjec raba' kienet ibbazata fuq parir legali moghti mill-Avukat, illum Mhallef, Tonio Mallia bhala konsulent legali tal-Ufficcju Kongunt. Dan il-parir inghata fuq id-dokumenti li jinsabu fil-file tal-intimati, li kienu jinkludu d-dokumenti a fol. 15 u 17. L-ezercizzju tal-konsulent legali sar abbazi tad-dispozizzjonijiet legali tal-Kap.199. Minn ezami tal-minuta riprodotta a fol 247 jirrizulta li l-parir tieghu kien ibbazat fuq is-segwenti:-*

*"i. Li Giuseppa, Generoso, Carmelo u Consiglia kienu jirrisjedu ma' Carmelo Sammut (missier il-kontendenti) meta miet u ghalhekk "his share of the lease passed on to them."*

*"ii. Li Giuseppa Sammut cediet sehemha favur Generoso Sammut.*

*"Il-Qorti tippreciza li dan il-file kien jinkludi wkoll id-dokument a fol. 17 li hija dikjarazzjoni falza u minn fejn jirrizulta li l-intimati biss kienu qed jahdmu r-raba' in kwistjoni.*

*"Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tannulla biss id-dikjarazzjoni a fol. 17 tal-process.*

***"Rikonoxximent ta' Titolu***

*"Ir-rikorrenti jippretendu li ghandhom ikollhom ir-rikonoxximent tat-titlu tal-qbiela minhabba li huma biss jahdmu l-artijiet in kwistjoni u kwindi huma jaqghu fid-definizzjoni ta' "kerrej" skont id-dispozizzjoni tal-**Kap 199** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"Kif gja osservat din il-Qorti, jirrizulta li Anthony Sammut kien jahdem ir-raba' qabel ma miet missieru u kompla jahdimhom wara l-mewt ta' missieru Carmelo, bil-kunsens tal-omm. Joe Abela ha habel mir-raba' u hawwel ucuh fih ukoll bil-kunsens tal-omm. L-ahwa l-ohra ghal raguni jew ohra, ma kinux jersqu lejn ir-raba', inkluz Jimmy Sammut. L-intimati konjugi Tabone irrinunzjaw ghall-interess u dritt li seta' kellhom u ghalhekk ma baqaghlhomx interess f'din il-kawza u dan ser jigi rifless fil-konsiderazzjonijiet u fid-decizjoni ta' din il-Qorti.*

*"Jirrizulta pacifiku li l-qbiela kienet tithallas minn Carmelo Sammut sakemm miet izda wara ma jirrizultax ippruvat min kien ihallas il-qbiela. L-ircevuti kienu baqghu jinhargu fuq isem Carmelo Sammut sal-1992. Minn l-1992 'il quddiem, dawn inhargu fuq l-intimati wara li l-Ufficcju Kongunt iddecieda li jirrikonoxxihom u ghalhekk l-intestatura fuq dawn ir-ricevuti hija konsegwenza diretta ta' dan ir-rikonoxximent. Inoltre hu pacifiku li r-ricevuti huma prova ta' hlas izda b'hekk ma jnehhux mit-titlu li huwa biss determinat bil-ligi.*

*"Il-Qorti tqis li l-Ufficcju Kongunt, bhala sid il-kera, hu obbligat li japplika l-ligi meta jirrikonoxxi l-inkwilin ai fini ta' trasferiment tal-qbiela. L-intimat Direttur accetta dan meta rrimetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti rigward il-kwistjoni ta' rikonoxximent fit-tieni eccezzjoni tieghu.*

*"Skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 2 tal-Kap 199** "cessjonarju tal-kirja tinkludi meta ma hemm la sub-kunduttur, jew persuna li lilha tkun ceduta l-kirja, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej."*

> *"Kerrej tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej."*

*"Il-Ligi wkoll taghti definizzjoni ta' "membru tal-familja" li tfisser "axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakem ma tergax tizzewweg, tal-kerrej."*

*"Indubbjament ir-rikorrenti ahwa Sammut u anke Joe Abela huma "membri tal-familja" tal-kerrej. L-ahwa Sammut huma dixxendenti lineari filwaqt li Joe Abela hu "r-ragel tat-tifla".*

> *"Ghalkemm ir-rikorrent jghid li kien jahdem ir-raba' qabel ma miet missieru, meta missieru kien marad, b'dan ma jistax jghid li hu cessjonarju tal-kirja peress li mhux ippruvat li kien igawdiha hu. Del resto lanqas qed jistrieh fuq allegazzjoni simili imma fuq il-fatt li hu kien jahdem ir-raba' qabel ma miet missieru.*
>
> *"Ghalhekk il-Qorti ghandha tara jekk ir-rikorrenti jidhlux fil-gradwatorja preferenzjali dettata mil-Ligi. Filwaqt li jirrizulta mhux ikkontestat li Generoso Sammut kien jghix mal-kerrej meta miet, jirrizulta daqstant li Anthony Sammut kien jahdem ir-raba' ma' missieru jew ghalih. Joe Abela, ghalkemm "membru tal-familja" ma jidholx f'din l-inkwadratura ghaliex beda jahdem l-ghalqa wara l-mewt tal-kerrej.*
>
> *"B'riferenza ghad-dokument a fol. 15 tal-process, ghalkemm il-Qorti trid tabilfors tissenjala li l-kliem li ntuzaw f'din id-dikjarazzjoni m'huma xejn felici, jidher li mhuwiex ikkontestat bejn il-kontendenti li b'dan id-dokument Giuseppa Sammut cediet kull dritt li seta' kellha fuq il-qbiela favur binha Generoso. Madanakollu anke jekk din ic-cessjoni tirrizulta li hija cara u univoka, b'hekk ma ggibx it-telf tad-dritt moghti lir-rikorrent bil-ligi.*
>
> *"Fid-dawl tal-provi prodotti u bl-applikazzjoni tal-Ligi surriferita, il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti in parte billi tiddikjara li Anthony Sammut ghandu d-dritt li jigi rikonoxxut bhala gabillott tar-raba' in kwistjoni flimkien ma' Generoso Sammut.*";

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fil-15 ta' Mejju, 2014, l-intimati Generoso *sive* Jimmy u Mary miżżewġin Sammut (minn issa 'l hemm imsejħin "l-intimati appellanti"), għar-raġunijiet hemm imfissrin, talbu li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tannullaha, tħassarha u tirrevokaha safejn laqgħet l-ewwel talba attriċi favur l-atturi u safejn laqgħet it-tieni parti favur l-atturi u safejn laqgħet it-tielet talba, u "konsegwentement twarrab il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-element ta' frodi u tgħaddi biex tiċħad interament it-talbiet kollha ta' l-atturi", bl-ispejjeż;

4. Illi għall-appell imressaq mill-intimati appellanti, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") ressqu Risposta fl-4 ta'Ġunju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu lil din il-Qorti li, għajr għal dak li kienu sejrin jitolbu f'appell inċidentali tagħhom, tiċħad l-appell tal-intimat appellanti u tikkonferma għall-bqija s-sentenza appellata;

5. Illi fl-appell inċidentali mressaq minnhom mar-risposta għall-appell, l-appellati talbu li din il-Qorti tvarja u tibdel is-sentenza appellata billi (i) tikkonfermaha safejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Uffiċċju Konġunt; (ii) safejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati Sammut (għajr għar-raba' waħda); (iii) safejn is-sentenza appellata laqgħet it-tielet talba attriċi u ordnat lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt biex jirreġistra t-tibdiliet ordnati fiha, (iv) safejn is-sentenza appellata ordnat li l-appellati jħallsu l-ispejjeż kollha; (v) tħassarha u tannullaha safejn laqgħet f'biċċa r-raba' eċċezzjoni tal-intimati appellati, b'dan li tiċħad dik l-eċċezzjoni għal kollox; (vi) tvarjaha safejn laqgħet f'biċċa l-ewwel talba attriċi billi, minflok, issib ukoll ma jiswiex id-dokument li jinsab f'paġna; (vii) tvarjaha safejn laqgħet f'biċċa biss it-tieni talba attriċi, u dan billi tagħraf ukoll lill-appellati miżżewġin Abela bħala gabilotti mal-oħrajn tar-raba' mertu tal-każ; u (viii) tvarjaha safejn laqgħet f'biċċa t-tielet talba attriċi u dan billi, minflok, tilqagħha fis-sens tat-talbiet aċċidentali li ssemmew. Talbu wkoll li din il-Qorti tikkundanna lill-intimati appellanti miżżewġin Sammut iħallsu l-ispejjeż ta' dan l-appell inċidentali wkoll;

6. Id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt ressaq Risposta fit-12 ta' Ġunuu, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm fil-qosor imfissra, iddikjara li huwa kien ser jistenna x'tiddeċiedi din il-Qorti fis-sentenza tagħha mill-appelli mressqin quddiemha, dwar min għandu l-jedd li jkun magħruf bħala gabillott tal-art mertu tal-każ, u skond ma tiddeċiedi l-Qorti huwa jeżegwixxi l-provvedimenti mogħtija. Għalhekk, qal li ma jmissux ibati l-ebda spejjeż tal-kawża;

7. Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Imħallef Tonio Mallia waqt is-smigħ tat-2 ta' April, 2019[25], u s-surroga tal-4 ta' April, 2019, li biha l-Qorti saret komposta mill-imħallfin li jikkostitwixxu lil din il-Qorti;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Ġunju, 2019;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Rat li l-appelli tħallew għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[25] Paġ. 410 tal-proċess

11. Illi l-kwestjonijiet ewlenin marbutin mal-appelli li l-Qorti għandha quddiemha jirrigwardaw l-għarfien ta' persuni bħala gabillotti ta' art imqabbla mis-sid, u s-siwi ta' xi dokumenti li wħud mill-partijiet inqdew bihom biex setgħu kisbu dak l-għarfien b'esklużjoni ta' wħud mill-partijiet l-oħrajn. Dan kollu ġara fil-qafas ta' ġrajja li tolqot membri tal-istess familja li l-awtur tagħhom kien, sa ċertu żmien, il-gabillott magħruf mis-sid dwar l-istess raba';

12. Illi fl-appell ewlieni tagħhom, l-intimati appellanti miżżewġin Sammut iqajmu **tliet aggravji** mis-sentenza appellata. Dawn fil-qosor huma: (i) li l-Istat imissu jipprovdi għal sistema ġudizzjarja li taħdem kif imiss b'mod li f'dan il-każ huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u bil-fatt li l-kawża nstemgħet minn imħallef u s-sentenza ngħatat minn imħallef ieħor li ma kienx sema' l-każ u wara li l-kawża kien ilha li tħalliet għall-għoti tas-sentenza; (ii) li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti tal-każ, u li dan seħħ minħabba li l-imħallef li tat is-sentenza ma kinitx l-istess ġudikant li sema' l-provi; u (iii) li l-ewwel Qorti adottat sisien żbaljati biex waslet għall-fehmiet tagħha dwar il-provi mressqa mill-partijiet u li wassluha biex tagħmel ġudizzju vizzjat;

13. Illi, min-naħa tagħhom, fl-appell inċidentali tagħhom, l-atturi appellati jqajmu **erba' aggravji** li, fil-qosor, huma dawn: (a) li l-ewwel Qorti naqset li ssib li d-dikjarazzjoni fil-kitba bid-data tat-2 ta' Mejju 1996 (f'paġ. 15 tal-proċess) kienet tabilħaqq falza; (b) li wkoll kieku kellu jinstab li dik id-dikjarazzjoni ma kinitx falza, xorta waħda ma kinitx biżżejjed biex titqies bħala prova tal-assenjazzjoni tal-qbiela magħmula mill-omm lil binha l-appellant Sammut; (ċ) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qieset li l-intimati appellanti miżżewġin Sammut kellhom jedd ikunu magħrufa bħala gabillotti tar-raba' mertu tal-każ; u (iv) li l-ewwel Qorti naqset li tagħraf lill-atturi miżżewġin Abela bħala gabilotti tal-imsemmija raba' wkoll flimkien mal-atturi miżżewġin Sammut;

14. Illi, bla ma tidħol f'eżerċizzju mirqum ta' ġbir tal-provi, din il-Qorti jidhrilha xieraq li (minħabba wħud mill-aggravji mqajma) ssemmi ċirkostanzi kronoloġiċi tal-ġrajja marbuta mal-każ, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji tal-partijiet dwar is-sentenza appellata. Għal għadd ta' snin, missier il-partijiet (Carmelo Sammut) u ħuh Ġużeppi, kienu l-gabillotti magħrufa ta' żewġ qatgħat raba' fil-kuntrada magħrufa bħala "*Tas-Silġ*" fil-limiti ta' Marsaxlokk, imsejħin rispettivament "*Ta' Rokka*" u "*Tal-Maqgħad*". F'xi żmien, Ġużeppi Sammut ma kienx aktar interessat li jibqa' jaħdam ir-raba' msemmi u ħalla kollox f'idejn missier il-partijiet. Carmelo Sammut miet testat f'April tal-1982[26], u l-qbiela tar-raba'

[26] Dok "MA4", f'paġ. 108 tal-proċess

msemmi baqgħet titħallas u l-irċevuti tal-ħlas baqgħu jinħarġu fuq ismu sa għaxar (10) snin wara mewtu. Fit-2 ta' Mejju, 1996[27], saret dikjarazzjoni miktuba u mixhuda minn nutar pubbliku li biha omm il-partijiet (Ġużeppa Sammut, armla ta' Carmelo Sammut) iddikjarat li hija ma ssib l-ebda oġġezzjoni li r-raba' msemmi jdur fuq isem binha l-appellant Generoso Sammut. Fl-20 ta' Ġunju, 1996[28], saret dikjarazzjoni mill-istess nutar pubbliku li tgħid min kien jgħix fid-dar ta' Carmelo Sammut dakinhar li miet. Fid-29 ta' Lulju, 1996[29], l-Uffiċċju Konġunt bagħat jgħarraf lil Ġużeppa Sammut li kien lest li jdawwar il-qbiela tar-raba' favuriha u favur uliedha Generoso, Charles u Consiglia Tabone. Ġużeppa Sammut mietet testata fl-4 ta' Awwissu, 1996[30], u l-wirt tagħha kien regolat bl-istess testment '*unica charta*' li kien sar minnha flimkien ma' żewġha Carmelo f'Novembru tal-1974[31]. Fl-10 ta' Settembru, 1996[32], l-Uffiċċju Konġunt bagħat jgħarraf lill-appellant Generoso Sammut li r-raba' kien għadu jsejjaħ lil missieru Carmelo u lil ħu dan, u għalhekk nofs ir-raba' biss seta' jdur fuq isem l-omm u l-istess Generoso, Charles u Consiglia Tabone, aħwa Sammut. Fid-19 ta' Ottubru, 1996, miet testat Charles Sammut, wieħed mill-aħwa, li ħalla 'l ħutu kollha werrieta tiegħu[33]. F'ittra tal-11 ta' Diċembru, 1996[34], mibgħuta lil

[27] Dok "GOP1", f'paġ. 15 tal-proċess
[28] Dok "GD2", f'paġ. 124 tal-proċess
[29] Dok "GD3", f'paġ. 125 tal-proċess
[30] Dok "MA7", f'paġ. 111 tal-proċess
[31] Dok "MA10", f'paġġ. 114 – 6 tal-proċess
[32] Dok "GD6", f'paġ. 132 tal-proċess
[33] Dok "GD11", f'paġ. 137 tal-proċess
[34] Dok "GD7", f'paġ. 133 tal-proċess

Ġużeppa Sammut (li sadattant kienet mietet), l-Uffiċċju Konġunt bagħat jgħarraf li kien lest li jdawwar is-sehem ta' nofs ($^1/_2$) indiviż tal-qbiela tal-imsemmi raba' kif mitlub mill-omm u minn uħud mill-aħwa Sammut. B'ittra tas-17 ta' Diċembru, 1996[35], mibgħuta minn nutar pubbliku ieħor, inġibdet l-attenzjoni tal-Uffiċċju Konġunt li r-riċevuti tal-ħlas tal-qbiela tal-imsemmi raba' kienu ilhom jinħarġu fuq isem Carmelo Sammut biss għal bosta snin u ntalab jgġid x'imissu jsir biex ir-raba' kollu jinqaleb fuq isem l-aħwa Sammut;

15. Illi b'dikjarazzjoni li ġġib id-data tal-11 ta' Frar, 1997[36], l-istess nutar pubbliku li xehed id-dikjarazzjoni tat-2 ta' Mejju, 1996, ingħad li kienu Generoso Sammut, Consiglia Tabone u Charles Sammut li kienu jaħdmu r-raba' "*Tar-Rokka*" flimkien ma' missierhom meta dan ġie nieqes. B'dikjarazzjoni magħmula fl-istess data[37], Rose Fenech u ommha Maria armla ta' Ġużeppi Sammut, irrinunzjaw għal kull interess li Ġużeppi Sammut seta' kellu fir-raba' msemmi flimkien ma' ħuh Carmelo, missier il-partijiet. Fis-16 ta' April, 1997[38], l-intimati appellanti miżżewġin Sammut u l-intimati miżżewġin Tabone ħalfu li kienu huma biss li kienu jaħdmu r-raba' kemm qabel u kif ukoll wara l-mewt ta' missierhom Carmelo Sammut u wkoll dik ta' ommhom Ġużeppa. Fit-22 ta' April, 1997[39], l-avukat tal-Uffiċċju Konġunt kien ta parir dwar min kien jistħoqqlu l-

[35] Dok "GD8", f'paġ. 134 tal-proċess
[36] Dokti "JOP2" u "MA12", f'paġġ. 16 u 118 tal-proċess
[37] Dok. "GD9", f'paġ. 135 tal-proċess
[38] Dokti "GOP3", "MA11" u "GD12", f'paġġ. 17, 117 u 138 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Dr Tonio Mallia, f'paġ. 247 tal-proċess

għarfien tal-qbiela, u dan fuq is-saħħa tad-dikjarazzjonijiet miktuba li tressqu quddiemu. Fit-23 ta' April, 1997[40], l-Uffiċċju Konġunt bagħat jgħarraf lin-nutar tagħhom li l-appellant Generoso Sammut u l-intimata Consiglia Tabone kienu qed jingħataw għarfien tal-qbiela tar-raba' msemmi. Kemm hu hekk, l-istess aħwa Sammut inħarġitilhom riċevuta f'isimhom it-tnejn fis-7 ta' Mejju, 1997[41], dwar ħlas ta' qbiela għas-snin mill-1992 sa l-1996, u reġa' sa hekk fis-sena ta' wara[42]. Madankollu, f'Awwissu tal-1999[43], l-appellant Generoso Sammut xorta kiteb lid-Direttur appellat biex isem ommu u ħuh Cahrles jitneħħew minn fuq ir-riċevuti tal-ħlas tal-qbiela tal-imsemmi raba';

16. Illi lejn l-aħħar ta' Settembru tal-1999[44], l-attur appellat kien kiteb lill-Uffiċċju Konġunt biex ikun hemm bdil fl-isem dikjarat ta' min iħallas il-qbiela tar-raba' mertu tal-każ meta tinħareġ l-irċevuta[45]. F'Ottubru tal-1999[46], l-Uffiċċju Konġunt talab lill-attur appellat Anthony Sammut jibgħat id-dokumenti meħtieġa ħalli t-talba tiegħu setgħet tintlaqa'. Fi Frar tal-2000[47], l-Uffiċċju Konġunt bagħat jgħarraf lill-attur appellat Anthony Sammut li ma setax jilqa' t-talba tiegħu għaliex ommu Ġużeppa kienet dawret il-qbiela favur ħuh l-appellant Ġeneroso Sammut qabel mewtha;

[40] Dok "GD13", f'paġ. 139 tal-proċess
[41] Dok "GD14", f'paġ. 140 tal-proċess
[42] Dok "GD15", f'paġ. 143 tal-proċess
[43] Dok "GD18", f'paġ. 147 tal-proċess
[44] Dok "AS5", f'paġġ. 41 – 2 tal-proċess
[45] Dok "GD16", f'paġ. 145 tal-proċess
[46] Dok "AS6", f'paġ. 42 tal--proċess
[47] Dok "AS8", f'paġ. 44 tal-proċess

17. Illi l-Qorti sejra tibda billi tqis l-**aggravji** mqajmin fl-appell ewlieni tal-intimati Ġeneroso u Mary miżżewġin Sammut;

18. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħhom, l-appellanti jilmintaw mill-fatt li s-smigħ tal-kawża nbeda quddiem Qorti presjeduta minn imħallef u li, wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza u laħaq għadda żmien konsiderevoli, l-kawża ntbagħtet lil imħallef ieħor li ma kinitx semgħet il-provi u tat is-sentenza hi. Huma jgħidu li dan sar bla ma kienu mqar ġew avżati b'dak li kien se jsir u bla ma talbu li dan isir u li b'hekk, l-imħallef li tat is-sentenza kellha tiddeċiedi u tifforma l-fehmiet tagħha fuq provi li ma tressqux quddiemha. Jgħidu li b'dan il-mod, huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u jisħqu li din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawżat jerġgħu jintbagħtu quddiem l-imħallef li kien sema' l-provi biex ikun fl-aħjar qagħda li s-sentenza jagħtiha hu;

19. Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li huwa wieħed irritu, fieragħ u vessatorju. Iqisu li l-ilment imqajjem mill-appellanti f'dan l-aggravju mhuwiex ħaġa li din il-Qorti għandha tqis, ladarba l-aggravju tressaq dwar il-mod kif tmexxiet il-kawża sal-għoti tas-sentenza appellata u mhux dwar is-sentenza nnifisha, billi mkien fl-aggravju l-appellanti ma jsemmu liema kap tas-sentenza

appellata kienu qegħdin jsejsu l-aggravju tagħhom fuqu. Dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellanti jilmintaw mill-bidla tal-ġudikant assenjat bil-kawża, l-appellati jgħidu li l-appellanti kellhom kull opportunità biex jidhru quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u naqsu li jinqdew b'dik il-fakultà u mhux xieraq li jqajmu kwestjoni fl-appell;

20. Illi din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' kif imressaq. Fl-ewwel lok, safejn dan l-aggravju jitkellem minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, l-ilment jirrigwarda l-istadju tal-proċediment quddiem l-ewwel Qorti u sa qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u għalhekk imur lil hinn minn kull mertu ta' appell li jista' jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza tagħha w tiddeċiedi dwaru. Bla ħsara ta' kull jedd li l-appellanti jista' jkollhom dwar dan l-ilment f'sedi oħra, għandu jingħad li fl-ebda parti tar-Rikors tal-Appell ma jingħad li dan l-aggravju jirrigwarda s-sentenza appellata nnifisha. Fit-tieni lok, safejn l-aggravju jirrigwarda ċ-ċirkostanza li l-ġudikant li tat is-sentenza ma kinitx hi li semgħet il-provi u x-xhieda li ressqu l-partijiet, din il-Qorti tqis li, f'dan il-każ, il-provi tressqu quddiem u nstemgħu kollha minn Assistent Ġudizzjarju u mhux miż-żewġ imħallfin li lilhom tul iż-żmien kienet assenjata l-kawża, u għalhekk l-aggravju dwar in-nuqqas ta' opportunità li l-imħallef li tat is-sentenza appellata ma kellhiex il-benefiċċju li tisma' x-xhieda kien ikun jgħodd ukoll li kieku l-kawża ma kinitx assenjata lil dik l-imħallef, u għalhekk mhux mistħoqq lanqas. Fit-

tielet lok, lanqas jista' jintlaqa' l-aggravju safejn jitlob li din il-Qorti tħassar is-sentenza u terġa' tibgħat l-atti biex is-sentenza tingħata mill-imħallef li quddiemu tressqu l-provi, minħabba li dan ma kienx il-każ. Fir-raba' lok, filwaqt li huwa minnu li l-kawża kienet assenjata lil imħallef ieħor wara li l-kawża kienet diġà tħalliet għas-sentenza u li dan ma sarx fuq talba tal-partijiet, huwa minnu wkoll li meta l-kawża kienet hekk assenjata, l-ewwel Qorti tat lill-appellanti żmien biżżejjed biex, jekk jagħżlu, iressqu sottomissjonijiet oħrajn quddiemha. Minkejja dan, għażlu li ma jidhrux. Ma huwiex minnu li huma kienu mgħarrfin biss bil-bidla tal-imħallef wara li ngħatat is-sentenza appellata, għaliex l-atti tal-kawża juru li, għall-kuntrarju u sa minn qabel ma ngħatat dik is-sentenza[48], l-ewwel Qorti kienet ordnat komunika lill-avukat li kien jidher għall-appellanti miżżewġin Sammut f'dak iż-żmien, u dan kien iffirma l-"*visto*" tiegħu f'isimhom għal tali komunika bosta xhur qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

21. Illi bit-**tieni aggravju** tagħhom, l-intimati appellanti jilmintaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li tressqu quddiemha. Dan jarawh ukoll fil-fatt imsemmi taħt l-ewwel aggravju li l-imħallef li tat is-sentenza appellata ma setgħetx tagħmel apprezzament xieraq tal-provi mressqin quddiem l-ewwel Qorti ladarba x-xhieda u l-imsemmija provi ma tressqux quddiemha. Huma jgħidu li minflok ma l-ewwel Qorti waslet għall-fehmiet tagħha fuq konvinċiment morali oġġettiv, qatgħet il-

[48] Ara paġ. 345 tal-proċess

każ fuq is-saħħa ta' konvinċiment morali suġġettiv li "jista' jitqies bħala konvinċiment morali 'finta'" b'mod li x-xhieda setgħet biss tgħoddhom imma mhux ukoll tiżinhom;

22. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li, kien min kien li ta s-sentenza appellata, l-apprezzament tal-provi seta' jsir bla xkiel u bl-aħjar mod għaliex verżjoni ta' xhieda li ma tkunx taqbel ma' verżjoni oħra ta' xhieda mill-istess xhud tkun tidher fil-wiċċ u ma jkun meħtieġ l-ebda sforz qawwi biex wieħed jagħrafha. Iwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li, jekk kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-ewwel Qorti, dan kien li wieżnet lill-istess appellant Jimmy Sammut billi "kalat l-ombra tad-dubju" favurih;

23. Illi din il-Qorti tagħraf hi bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx hi biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[49]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun*

---

[49] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[50];

24. Illi fil-fatt, dan huwa li din il-Qorti (diversament komposta) kienet għamlet f'każ iċċitat mill-appellanti nfushom[51] u fejn il-ġudikant li kien jippresjiedi l-Qorti li kienet tat is-sentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-istess ġudikant li ippresjieda (anzi, kien hemm aktar minn wieħed li quddiemu kienet imxiet il-kawża maż-żmien) l-Qorti li quddiemha tressqu l-provi, u fejn il-każ kien wieħed prinċipalment ta' apprezzament ta' fatti. Madankollu, f'dik is-sentenza kien ingħad ukoll li: "*Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dak il-konvinċiment morali b'konvinċiment morali ieħor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell; il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huma oħra; huma ta' natura*

[50] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[51] App. Ċiv. **7.7.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. Dr. Henry Mamo noe vs Josephine Carol Farruġia***

*purament oġġettivi fis-sens li kontra dak il-konvinċiment morali soġġettiv tat-Tribunal li jkun sema' l-provi u wisinhom għandha topponi elementi oġġettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiġġustifikaw lil din il-Qorti, minħabba l-komposizzjoni plurali tagħha, li fuq dawk l-elementi oġġettivi hi tgħaddi biex tħassar jew telimina l-konvinċiment morali soġġettiv tal-ewwel ġudikant, imma mhux altrimenti*";

25. Illi b'żieda ma' dan, f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, ingħad li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[52] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka[53]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet

[52] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[53] App. Ċiv. **31.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa sive Josephine Camilleri et vs John Camilleri et***

tagħha.[54] Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[55] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[56];

26. Illi taħt dan l-aggravju, l-appellanti jgħidu li ma kienx hemm elementi biżżejjed mill-provi mressqa mill-atturi appellati biex iwassal lill-ewwel Qorti ssib li kien hemm element ta' frodi fil-kitbiet li saru u mill-provi mressqa, u kemm hu hekk ma waslitx għall-fehma li d-dikjarazzjoni li jidher li kienet magħmula minn omm il-partijiet kienet tabilħaqq falza. Din il-Qorti ttenni dak li ngħad qabel dwar l-ewwel aggravju[57] li, safejn dan l-aggravju jissejjes ukoll fuq il-fatt li l-imħallef li tat is-sentenza appellata ma kienx l-istess imħallef li quddiemu tressqu l-provi, dan l-aggravju ma jreġix, għaliex intwera diġà li l-provi kollha f'din il-kawża tressqu quddiem Assistent Ġudizzjarju. Fit-tieni lok, din il-Qorti fliet b'reqqa l-provi msemmija u ssib li dan l-aggravju jinbena fuq argument ħażin. Kien hemm żewġ dokumenti li fuqhom l-atturi appellati sejsu l-kawżali tal-falsità[58], liema dokumenti tressqu fl-atti tal-kawża mid-Direttur imħarrek appellat sa mill-bidunett tagħha. L-ewwel Qorti ma sabitx li kellha elementi biżżejjed biex issib li l-marka fuq l-ewwel dokument kienet tassew waħda falza, u wisq anqas setgħet tiddetermina min seta' għamilha minflok il-persuna li tidher li għamlitha; madankollu, sabet li d-dikjarazzjoni magħmula mill-appellanti u qraba oħrajn fit-tieni dokument

[54] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[55] Art. 562 tal-Kap 12
[56] Art. 559 tal-Kap 12
[57] § 20 *supra*
[58] Dokti "GOP1" u "GOP3", f'paġġ. 15 u 17 tal-proċess

kienet waħda li tmur għal kollox kontra l-provi mressqin fl-atti tal-kawża dwar min tabilħaqq kien jaħdem ir-raba' wara l-mewt ta' missier il-partijiet. Fit-tielet lok, il-qafas kronoloġiku[59] li fih saru ż-żewġ dokumenti jixhed żmien fejn il-partijiet kienu jinsabu f'taqbida frenetika bejniethom biex jiksbu l-għarfien min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt għar-raba' kollu msemmi, u l-ewwel Qorti dan il-qafas fehmitu sewwa u wriet li kienet apprezzat sewwa x'kien għaddej. Fir-raba' lok, din il-Qorti ssib irrilevanti (għall-elementi probatorji li kellha quddiemha l-ewwel Qorti) l-argument tal-appellanti li l-imsemmija Qorti ma qisitx li l-appellant Generoso Sammut u n-nutar li kien awtentika d-dikjarazzjonijiet ma kinux instabu ħatja ta' akkużi mressqa kontrihom fi proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati: id-determinazzjoni mill-ewwel Qorti tal-falsità tad-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati f'April tal-1997 kienet ir-riżultat ta' evalwazzjoni tal-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża u mhux ta' ċirkostanzi ġudizzjarji oħrajn;

27. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

28. Illi bit-**tielet aggravju** l-appellanti miżżewġin Sammut jgħidu li s-sisien adottati mill-ewwel Qorti biex qieset l-imġiba tal-intimat appellant Generoso Sammut kienu dgħajfa. Huma jgħidu li l-ewwel Qorti sawret il-

[59] Ara §§ 14 – 6 *supra*

fehmiet tagħha fuq is-saħħa ta' żewġ dokumenti mressqa mill-atturi appellati u li ma kinux jgħidu l-istorja kollha u li kienu ċirkostanzi 'l barra miċ-ċirkostanzi rilevanti tal-każ li kellha quddiemha u billi sabet ħtija fl-appellant fuq is-saħħa ta' "assoċjazzjoni ta' idejat". Bl-istess mod, taħt dan l-aggravju, l-appellanti jixlu lill-ewwel Qorti li emmnet il-verżjoni tal-atturi appellati li qalu li kienu huma li baqgħu jaħdmu r-raba' wara l-mewt tal-missier u injorat għal kollox xhieda oħrajn li xehdu kontra dak il-fatt;

29. Illi għal dan l-aggravju l-appellati wieġbu billi qalu li l-appellanti ma kellhomx x'jilmintaw mill-fatt li l-ewwel Qorti qieset il-kontenut ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell[60] (f'kopja ta' sentenza mressqa mill-atturi appellati) biex waslet għall-fehmiet tagħha, u dan għaliex l-ewwel Qorti ma sabitx provi biżżejjed biex tgħid li d-dikjarazzjoni magħmula f'Mejju tal-1996 kienet tabilħaqq falza. Madankollu, huma jżidu jgħidu li l-ewwel Qorti waslet għall-fehmiet tagħha dwar min kien tassew baqa' jaħdem ir-raba' wara l-mewt tal-missier, mhux fuq is-saħħa ta' dik is-sentenza, imma fuq is-saħħa ta' xhieda "disinteressati" u rilevanti li lkoll kienu kelma waħda f'dan ir-rigward;

30. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju jiġbor fih l-ilmenti mressqa mill-appellanti fiż-żewġ aggravji tagħhom ta' qabel dan. Għalhekk, il-

[60] App Ċiv. 29.4.2005 fil-kawża fl-ismijiet *Joseph Abela et vs Generoso sive Jimmy Sammut et* (Ċitazz. 1144/97) dwar tħassir ta' testament sigriet minħabba firma falza (Dok "AA1" f'paġġ. 288 sa 300 tal-proċess)

kunsiderazzjonijiet magħmulin minnha fil-każ taż-żewġ aggravji l-oħrajn jgħoddu wkoll għal dan l-aggravju. Iżżid tgħid li r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ssib li kienet saret dikjarazzjoni falza ma kinux ir-riżultat tal-kopja tas-sentenza msemmija, imma l-provi l-oħrajn dokumentali rilevanti u x-xhieda mogħtija li kienu juru li l-atturi appellati kienu baqgħu jaħdmu r-raba' wara l-mewt tal-missier u matul l-aħħar snin ta' ħajjet l-omm, u sa żmien wara wkoll. Dawk il-provi u dik ix-xhieda wrew li kienet id-dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-appellanti miżżewġin Sammut u mill-intimati miżżewġin Tabone f'April tal-1997 li kienet milquta minn falsità. Dik iċ-ċirkostanza kienet biżżejjed biex fuqha l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-fehma li waslet għaliha fis-sentenza appellata;

31. Illi għalhekk, dan l-aggravju wkoll mhuwiex mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

32. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-atturi fl-appell inċidentali tagħhom**;

33. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħhom l-appellati jgħidu li l-ewwel Qorti messha sabet li d-dikjarazzjoni magħmula f'Mejju tal-1996 kienet falza. Huma jsejsu dan l-aggravju fuq il-fatt li Ġużeppa Sammut kienet taf tiffirma u għalhekk id-dikjarazzjoni b'marka tagħha tixhed li dik id-

dikjarazzjoni ma saritx minnha. L-appellati jsemmu li, f'każijiet oħrajn, Ġużeppa Sammut kienet iffirmat kuntratti pubbliċi meta dehret fuqhom;

34. Illi l-intimati appellanti ma ressqu l-ebda Risposta għall-appell inċidentali tal-atturi appellati;

35. Illi l-Qorti tqis li l-fatt li ntwera li omm il-partijiet kienet taf tiffirma isimha fuq atti pubbliċi ma jfissirx li, dakinhar li saret id-dikjarazzjoni f'Mejju tal-1996, kienet għadha f'qagħda li tagħmel hekk. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li tassew li Ġużeppa Sammut kienet taf tiffirma, u li ż-żewġ[61] provi dokumentali mressqa mill-atturi appellati f'dawn l-atti jixhdu dan. Madankollu, dawk l-atti pubbliċi kienu ilhom bosta snin li saru qabel dakinhar li saret id-dikjarazzjoni ta' Mejju tal-1996 u bejn firma w oħra wkoll hemm differenzi li jġib miegħu ż-żmien li jkun għadda minn fuq persuna. Minbarra dan, matul is-smigħ tal-kawża tressqu xhieda li qalu li raw id-dikjarazzjoni ssir u lil Sammut tagħmel il-marka tagħha fuqha, u wkoll lin-nutar li quddiemu saret. L-atturi ma seħħilhomx iwaqqgħu dawk il-provi. Mill-bqija, dak li qalet aktar qabel din il-Qorti dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti jgħodd għal din iċ-ċirkostanza wkoll;

[61] Dokti "MA" u "MA1", f'paġġ. 55 sa 66 *tergo* tal-proċess

36. Illi l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-atturi għalhekk mhuwiex mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

37. Illi fit-**tieni aggravju** tagħhom fl-appell inċidentali, l-atturi appellati jgħidu li l-ewwel Qorti ma setgħetx tqis id-dikjarazzjoni magħmula f'Mejju tal-1996 bħala assenjazzjoni, ladarba kienet dikjarazzjoni unilaterali. Jgħidu li assenjazzjoni hija kuntratt u ladarba huwa hekk, kien meħtieġ li jidhru ż-żewġ partijiet li jikkostitwuh. Iżidu jgħidu li dik id-dikjarazzjoni lanqas tista' titqies bħala ċessjoni tal-jedd tal-qbiela, għaliex iċ-ċessjoni wkoll hija kuntratt bilaterali li jitlob li fuqu jidhru l-partijiet kollha interessati;

38. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju kif imressaq ma jistax iwassal biex din il-Qorti ssib li d-dikjarazzjoni magħmula f'Mejju tal-1996 ma hija tal-ebda siwi jew li saret b'nuqqas ta' ħarsien tal-liġi, kif titlob l-ewwel talba attriċi. Mill-mod kif dik id-dikjarazzjoni hija mfassla, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li la hija assenjazzjoni u lanqas ċessjoni tal-jedd ta' qbiela li Ġużeppa Sammut seta' kellha fuq ir-raba' bis-saħħa tal-fatt li kienet l-armla ta' Carmelo Sammut. Fil-fehma tal-Qorti, dik id-dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi rinunzja min-naħa tagħha tal-jedd ta' qbiela, għaliex hija dikjarazzjoni sewwasew ta' rinunzja (intużaw il-kliem "ma nsib ebda oġġezzjoni…") u mhux asserzjoni pożittiva ta' trasferiment ta' jedd. Rinunzja ta' jedd, sakemm magħmula b'mod ċar u mhux ekwivoku, ma titlobx li tkun fis-sura ta' kuntratt. Għall-kuntrarju, rinunzja

ta' qbiela tista' ssir ukoll bil-fomm[62]. Minbarra dan, ir-rinunzja għall-qbiela ma għandhiex titħallat maċ-ċessjoni tal-istess jedd[63];

39. Illi d-dikjarazzjoni magħmula minn Ġużeppa Sammut – li l-ewwel Qorti sabet li kienet f'qagħda li tagħraf u tifhem dak li kienet qiegħda tagħmel – ma kienet bl-ebda mod torbot lil sid ir-raba' li jaċċetta dak li ngħad fiha, imma kienet torbot lil min għamilha fis-sens li ma setgħetx legalment titreġġa' lura. Kemm hu hekk, meta l-Uffiċċju Konġunt għaraf il-gabillotti l-ġodda tar-raba' mertu tal-każ, ma għarafx biss lill-appellant Generoso Sammut, imma lill-istess Ġużeppa Sammut (ftit jiem qabel mewtha) u lil żewġ uliedha oħrajn, fuq is-saħħa ta' dikjarazzjoni oħra li saret xhur wara dik l-ewwel dikjarazzjoni;

40. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq lanqas;

41. Illi t-**tielet aggravju** tal-appellati joħroġ mill-fatt li l-ewwel Qorti għarfet lill-intimati appellanti miżżewġin Sammut bħala gabillotti tar-raba' mertu tal-każ fuq is-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta[64], ladarba sabet li d-dikjarazzjoni magħmula f'April tal-1997

---

[62] App. Inf. JJC **28.6.1974** fil-kawża fl-ismijiet ***Antonio Schembri vs Joseph Cassar*** (mhix pubblikata)

[63] App. Inf. JJC **15.10.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Francesca Tabone vs Grezzio Abela et noe*** (mhix pubblikata); App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1389**) u App. Inf. PS **3.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Buħaġiar et vs Anthony Bonniċi et***

[64] Att XVI tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'

kienet waħda falza. L-appellati jgħidu li l-ewwel Qorti ħaddmet ħażin id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-imsemmi Att u ma kien messha qatt tagħraf lill-appellanti Mary Sammut bħala persuna li għandha jedd għall-qbiela flimkien ma' żewġha l-appellant Generoso Sammut, ladarba, meta nħalaq il-jedd tal-qbiela, l-imsemmi Generoso Sammut kien għadu ma żżewwiġx. Dwar l-appellant Generoso Sammut, l-appellati jgħidu li dan naqas li juri li, fl-aħħar sena qabel mewt il-missier Carmelo Sammut, l-imsemmi appellant kien joqgħod fid-dar ta' missieru, ladarba l-fatt waħdu li hu kien għadu ma żżewwiġx ma jfissirx li kien joqgħod fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Minbarra dan, l-appellant Generoso Sammut ma ressaq l-ebda prova li turi li fl-aħħar sena qabel mewt missieru, hu kien jaħdem ir-raba' mertu tal-każ flimkien miegħu jew f'ismu;

42. Illi huwa minnu li wara li l-ewwel Qorti qieset li d-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati f'April tal-1997 bħala waħda bla siwi għaliex fiha dikjarazzjoni falza, għaddiet biex qieset min jista' jkun magħruf bħala l-gabillott tar-raba' mertu tal-każ fuq is-saħħa ta' dak li tipprovdi l-liġi. L-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta kien jirregola l-qagħda ta' wlied Carmelo Sammut mal-mewt tiegħu, billi, sa dakinhar, ma jirriżultax li kien hemm xi persuna li setgħet titqies bħala "ċessjonarju" tal-jedd tiegħu għall-qbiela. Ta' min jgħid li, meta missier il-partijiet Carmelo Sammut miet testat, it-testment tiegħu ('*unica charta*' flimkien ma' martu Ġużeppa Sammut) ma kien ħalla l-ebda dispożizzjoni b'titolu partikolari

dwar ir-raba' mqabbel lilu. Għalhekk, anqas u anqas jista' jingħad li kien hemm xiħadd minn uliedu li tħalla bħala legatarju. Minħabba f'hekk u minħabba li l-artikolu 2 jidher li joħloq gradwatorja ta' min jista' jitqies bħala 'kerrej' tal-gabillott il-mejjet, il-liġi kienet tagħti f'ordni ta' preferenza l-jedd li jissejjaħ 'kerrej' tar-raba' lil dak jew dawk il-membri tal-familja li kienu jgħixu mal-kerrej fl-aħħar sena qabel mewtu jew kien jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew kien il-werriet tiegħu[65]. Għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-appellati fl-appell inċidentali, jirriżulta[66] li meta miet Carmelo Sammut, kien għad hemm tliet (3) ulied joqogħdu miegħu fid-dar. L-appellant Generoso *sive* Jimmy Sammut kien wieħed minnhom. L-intimata appellata Consiglia Tabone kienet oħra. Min-naħa l-oħra, tressqu provi li juru li l-attur appellat Anthony Sammut kien ilu jaħdem ir-raba' sa minn mindu kien għadu ħaj missier il-partijiet u żgur baqa' jagħmel dan sa snin wara, inkluż wara li ġiet nieqsa Ġużeppa Sammut, omm il-partijiet;

43. Illi l-Qorti tqis li kunsiderazzjoni ewlenija li ttieħdet mill-Uffiċċju Konġunt biex tagħraf il-gabillotti l-ġodda tar-raba' mertu tal-każ kienet il-fehma tal-avukat tagħha dwar kif kellha titfisser u titħaddem il-liġi speċjali li tirregola t-tiġdid tal-kirjiet agrikoli, u b'mod partikolari, t-tifsira ta' 'kerrej' fl-artikolu 2 tagħha. Meta xehed sewwasew fuq din il-kwestjoni u jekk

[65] App. Inf. PS **7.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Philip Testaferrata Boniċi et vs A.I.Ċ. Carmelo Bonanno et***

[66] Ara x-xhieda ta' Rita Attard (waħda mill-aħwa Sammut) f'paġ. 92 tal-proċess

kienx qies li l-appellat Anthony Sammut kien ilu jaħdem ir-raba' ma' missieru sa minn żmien qabel miet il-missier, ix-xhud iddikjara hekk: "*Ma naħsibx li kienet rilevanti għax skond il-liġi min qed jirrisjedi ma' l-inkwilin jirbaħ fuq min qed jaħdem l-għalqa miegħu*"[67]. B'dan il-mod, it-tifsira li kienet qiegħda tingħata lill-artikolu 2 tal-Att kienet tħaddim tal-ordni ta' preferenza li l-liġi tistabilixxi wkoll bejn dawk li jistgħu jitqiesu bħala "membri tal-familja" tal-kerrej[68];

44. Illi dan ifisser li l-ewwel Qorti ma mxietx ma' dik il-fehma għaliex għarfet li l-attur appellat Anthony Sammut kellu l-jedd, flimkien mal-appellant Generoso Sammut, li jkun magħruf bħala l-inkwilin tar-raba' meta jidher ċar li r-raġunijiet li t-tnejn iġibu 'l quddiem biex jingħataw l-għarfien tal-jedd tal-qbiela huma 'gradwati' b'mod differenti taħt it-tifsira li l-liġi tagħti lill-'kerrej'. Madankollu, ma sar l-ebda appell minn din il-fehma tal-ewwel Qorti u, f'dan ir-rigward, għalhekk is-sentenza appellata saret ġudikat;

45. Illi safejn jirrigwarda l-aggravju tal-appellati fir-rigward tal-intimata Mary Sammut, l-aggravju huwa mistħoqq. Jekk jitqiesu l-kriterji stabbiliti mil-liġi u l-kejl li jrid isir biex wieħed jitqies bħala 'membru tal-familja' tal-kerrej, għandu jkun ċar li, fil-waqt tal-mewt ta' missier il-partijiet Carmelo

---

[67] Xhieda ta' Dr. Tonio Mallia f'paġ. 249 tal-proċess

[68] App. Inf. PS **10.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Caruana vs Emanuel Micallef et*** u App. Inf. PS **24.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri pro et noe vs Briffa*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.1516**) fost oħrajn

Sammut, Generoso Sammut kien għadu għażeb u għalhekk il-jedd tal-inkwilinat ma setax ikun estiż ukoll favur dik li 'l quddiem kellha tkun martu. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li t-tifsira ta' 'membru tal-familja' tgħodd fiha lir-raġel tat-tifla (tal-kerrej) jew l-armla tat-tifel (tal-kerrej) sakemm ma terġax tiżżewweġ, imma ma tgħoddx lil mart l-iben;

46. Illi għalhekk, u fil-limiti tal-kunsiderazzjonijiet li saru, dan l-aggravju huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa' bir-riforma f'dan ir-rigward tas-sentenza appellata;

47. Illi fir-**raba' aggravju tagħhom** l-appellati jgħidu li l-ewwel Qorti ma sabitx sewwa meta qatgħet 'il barra mill-jedd tal-qbiela lill-atturi appellati Joseph u Mary miżżewġin Abela. Huma jgħidu li dan l-aggravju jiddependi minn jekk din il-Qorti tilqax l-ewwel jew it-tieni aggravju tagħhom. Huma jgħidu li ladarba mal-mewt ta' żewġha, Ġużeppa Sammut wirtet ukoll il-jedd tal-qbiela, mal-mewt tagħha jgawdu dawk li jaqgħu taħt it-tifsira ta' 'kerrej' skond l-artikolu 2 tal-Att;

48. Illi din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, kif jgħidu l-istess appellati, din il-Qorti ma laqgħet l-ebda wieħed mill-ewwel żewġ aggravji tagħhom. Fit-tieni lok, għall-istess raġunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet tat-tielet aggravju, l-appellati miżżewġin Abela ma jaqgħux taħt xi raġuni preferenzjali maħsuba fit-tifsira ta' 'kerrej'

għaliex fil-waqt tal-mewt ta' missier il-partijiet, l-istess appellati kienu diġà miżżewġin u l-ebda wieħed minnhom ma kien jgħix mal-kerrej fl-aħħar sena qabel mewtu. Minbarra dan, l-appellat Abela ma kienx beda jaħdem fir-raba' mertu tal-każ ħlief wara l-mewt tal-kerrej Carmelo Sammut. Fit-tielet lok, bir-rinunzja magħmula minn Ġużeppa Sammut għall-jedd tagħha għall-qbiela, l-appellati Abela ma jistgħux jinqdew biċ-ċirkostanza tal-mewt tagħha biex jippruvaw jiksbu jedd għal xi titolu li hija ma kienx għad għandha;

***Decide:***

49. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tiċħad l-appell** ewlieni tal-intimati Generoso *sive* Jimmy u Mary Sammut, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' limitatament l-appell inċidentali** tal-atturi appellati safejn jirrigwarda t-tielet aggravju tagħhom fl-imsemmi appell inċidentali, imma **tiċħad l-istess appell inċidentali fil-bqija**, u għalhekk

**Tirriforma** s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, għall-finijiet tat-

tieni u tat-tielet talbiet attriċi, tħassarha safejn sabet li l-intimata Mary Sammut kellha l-jedd titqies bħala l-gabilott flimkien ma' żewġha Generoso *sive* Jimmy Sammut tar-raba' mertu tal-każ, u tikkonfermaha għal kollox fil-bqija; u

**Tordna** li l-appellanti intimati miżżewġin Sammut iħallsu l-**ispejjeż** tal-appell ewlieni tagħhom, filwaqt li l-atturi appellati jħallsu l-ispejjeż tal-appell inċidentali.  L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr